MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2008

Numru 131/2008

Il-Pulizija
(Spettur Raymond D’Anastasi)

vs

Charlot Debono u Alan Debono

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputati ta’ karta ta’ identita’ 286382(M) u 388083(M) rispettivament, akkuzati talli fil-Marsa nhar is-6 ta’ Frar 2005 ghall-habta tal-5.30 ta’ wara l-ikel:

1. ingurjaw jew heddu, jew ghamlu offiza fuq il-persuna ta’ Patrick Xerri, liema persuna hija inkarigata, skond il-ligi, minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li

jbezzghawh jew li jinfluwixxu fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-imsemmija persuna, liema persuna hija inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament ikkagunaw feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna tal-imsemmi Patrick Xerri;

4. fl-istess data, hinijiet u cirkustanzi involontarjament ikkagunaw hsara fil-mobile, qmis u nuccali ta’ Patrick Xerri liema hsara tiskorri l-Lm50;

5. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hebbew kontra il-persuna indikata aktar ‘il fuq u dan sabiex jingurjawha, idejquha jew jaghmlulha hsara;

Il-Qorti giet mitluba illi f’kaz ta’ htija torbot lill-imsemmija Charlot u Alan Debono b’obbligazzjoni taghhom infushom taht penali ta’ somma ta’ flus li tigi iffissata;

Il-Qorti mitluba wkoll li timpedixxi lil Charlot u Alan Debono milli jidhlu fil-Marsa Racing Track u/jew kull kumpless sportiv iehor ghall-zmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-akkuzati huma mixlija taht l-Artikolu 95, 96, 221, 325 u 339(d) tal-Kap 9 u jsibu l-origini taghhom f'incident li sehh fis-6 ta' Frar 2005 fil-kumpless sportiv tal-Marsa, senjatament il-'Marsa Racing Club', kif kienu spiccaw it-tigrijiet taz-zwiemel fil-jum in kwistjoni. Jirrisulta mill-provi li gemgha ta' xi ghaxar persuni avvicinaw lill-kwerelant, Patrick Xerri, 'chief stewart' tal-club u l-imputati li kienu fost din il-gemgha ghamlu ghalih billi dehrilhom li z-ziemel taghhom ma kellux jigi skwalifikat minn wahda mit-tigrijiet. Fil-kors ta' din l-aggressjoni l-imsemmi Xerri safa'midrub lievement. Dan l-incident gara hekk kif il-midrub kien ser jirkeb il-vettura tieghu u jitlaq 'l hemm.

Issa, l-provi ma jhallu ebda dubbju dwar li l-feriti huma ta' natura hafifa u huma dawk deskritti fic-certifikati medici esebiti folio 22 u 23, sofferti mill-imsemmi Xerri fil-kors ta' din l-aggressjoni. Lanqas ma hemm dubbju li l-griehi gew lilu ikkagunati mill-imputat Alan Debono.

Illi mill banda l'ohra fil-konfront tal-imputat l-iehor, ossija Charlot Debono, li jintrapella mill-provi hu li ghalkemm kien ma huh, fl-ebda hin ma jirrisulta li hu hebb ghall-imputat billi l-attenzjoni tieghu kienet rivolta lejn bin l-imputat li kien intervjena biex jiddefendi lill-missieru. Ghalhekk, u fil-kuntest tal-akkuzi, kontra dan l-akkuzat ma tirrisulta ebda wahda minnhom, lanqas dik kontravenzjonali tal-hebb, stante li lanqas fir-rigward taghha il-provi ma jwasslu ghall-konvicju taghha.

Ikkonsidrat:

Illi ezaminati l-akkuzi fil-konfront tal-akkuzat l-iehor, ossija Alan Debono, il-Qorti tghid li fil-waqt li ghandhom jirrisultaw it-tielet, r-raba u l-hames akkuza, ma jistghux jirrisultaw l-ewwel u t-tieni stante li fl-ebda wiehed mill-artikoli in dismina, cjoe l-Artikolu 95 u 96, l-persuna leza ma tikkwalifika bhala persuna ta' wiehed inkarigat skond

il-ligi minn servizz pubbliku jew fi kliem iehor persuna li tinkwadra fl-amministrazzjoni pubblika.

Mill-bqija però l-akkuzi jirrisultaw ben pruvati anka fir-rigward il-hsara li sofriet il-persuna leza fin-nuccjali tax-xemx, it-telefon cellulari u l-qmis.

Ghaldaqstant, taqta' u tiddecidi l-kawza billi issib l-imputat Alan Debono hati u tikkundannah multa ta' erba mitt euro fuq it-tielet akkuza, il-hames assorbita fiha, u fil-konfront tar-raba akkuza qeghdha tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor zmien sitt xhur mill-lum u bil-kondizzjoni wkoll li entro l-istess zmien ihallas lill-parti leza, oissija lil Patrick Xerri, l-ammont ta' mija u hamsin euro in linja ta' kumpens ghall-hsara sofferta mill-istess Xerri.

U billi l-proceduri jirrisalu ghas-sena 2005 il-Qorti mhiex tal-fehma li tapplika ebda provvediment kontra dan l-imputat kif mitluba.

Fil-konfront tal-imputat l-iehor Charlot Debono tilliberah minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------